MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 1103/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Antoine Mifsud**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 7 ta` Novembru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Antoine Mifsud, bin il-mejjet Joseph u Mary nee` Saliba, imwieled Zejtun fl-4 ta` Gunju, 1968, residenti Redeemer, Triq iz-Zurrieq, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita` numru 250368M

L-imputat akkuzat illi:

Talli fis-6 ta` Novembru, 2013, f`dawn il-gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta` Maria Mifsud, gwardjan lokali bin-numru G630, f`periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess persuna, jew li ggibilha disordni f`mohha, liema offiza hija ta` natura hafifa. Dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 215 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talli taht l-istess cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-Awtorita` kompetenti. Dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li matul il-kors tal-ezami tieghu skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 4 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija konfrontata bil-prova diretta tal-parte civile u tal-imputat li jipprovdu zewg verzjonijiet konfliggenti tal-allegat incident u ghalhekk kellha taghmel evalwazzjoni akkurata tal-provi diretti mill-gharbiel u skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali (ghaliex hafna jiddependi mill-kredibbilita tax-xiehda li inghatat quddiemha) kif maghquda mal-provi indiretti li gew prezentati f'dan il-kaz.

Fis-6 ta' Novembru 2013 inqala incident bejn il-gwardjana lokali Maria Mifsud (G630) u l-imputat fejn wara li intebah li kien ghadu kif gie "moghti citazzjoni" mill-imsemmija G630 minhabba li kien parkeggjat f'post fejn ma kienx permess, l-imputat hass li kien gie moghti din il-kontravvenzjoni intortament ghaliex pretenda li kien ilu ftit hin wisq parkeggjat hemmhekk – sakemm mar jigbor it-tifla mis-sala tal-wasliet fl-ajruport internazzjonali ta' Malta. Kien ghalhekk li kif lemah lill-G630 mar biex jiehu s-sodisfazzjon ghaliex din kienet kienet taghtu dak it-ticket. Sa' hawnhekk jidher li hemm xi forma ta' qbil bejn il-partijiet. Izda minn hawn il-quddiem hemm divergenzi fil-verzjonijiet moghtija.

Il-parte civile tghid li l-imputat mar javvicinaha waqt li hija kienet diga wahlet it-ticket mal-windscreen tal-van tal-imputat. L-imputat resaq lejha waqt li hija kienet qeghda ssuq il-quad bike tas-servizz taghha u peress li kien miexi quddiemha kellha tieqaf, resaq lejha, beda joffendiha bi kliem oxxen u wara li nizlet mill-istess quadbike, qallha biex tmur tnehhi t-ticket li kienet tatu qabel minn mal-windscreen tal-van tieghu. L-imputat beda jghajjat maghha u wara li hija qabdet ir-radio biex titlob l-assistenza mill-bazi taghha, l-imputat, wara li kien hedded li kien sejjer itiha daqqa ta' ponn f'wiccha, fil-fatt ezegwixxa dan il-hsieb billi fil-fatt ta' daqqa ta' ponn fu imnehirha. Konsegwenza t'hekk hi marret l-ghassa tal-pulizija, u wara ttiehdet il-poliklinika ta' Hal-Qormi fejn giet certifikata li kellha griehi ta' natura hafifa fuq imnehirha.

L-imputat jikkonferma li l-parte civile kienet taghtu t-ticket; fil-fatt kif kien qieghed jaqsam it-triq raha lil G630 taghmillu c-citazzjoni u qabadha ezatti taghmel dan u mar jghidilha ghalfejn ghamlitlu hekk ladarba rathom jaqsmu t-triq. Hemmhekk il-warden G630 qaltlu li hi hekk taghmel u hekk riedet taghmel. L-imputat jghid li huwa qasam it-triq wahdu biex jghidilha dan u bintu ma kienetx hdejh meta mar ikellem lil G630. Ic-citazzjoni li tatu fil-fatt hu zammha u hallasha tant li ezibixxa wkoll kemm l-originali kif ukoll l-ircevuta tal-hlas taghha. Biss l-imputat jinnega li huwa ta' daqqa ta' ponn lil G630.

Minn dak mistqarr anke mill-imputat, dil-Qorti m'ghandhiex dubju li l-incident tnissel mill-fatt li l-imputat hass li ma kellux jigi moghti ticket mill-warden minhabba li kien qieghed ipparkjat f'dak il-post. Biss messu irrealizza li jekk huwa kien ipparkjat f'post projbit, idum kemm idum, xorta wahda f'post projbit kien ipparkjat. Il-ligi ma taghmilx skonti bazati fuq kemm bniedem **idum** ipparkjat b'mod hazin jew f'post ipprojbit. Ghalhekk ma kellux jehodha b'sorpriza jekk il-Gwardjana G630 ghamlet xogholha u dmirha u marret taghtih ic-citazzjoni. Anzi kellu jkun hu li jkun umli bizzejjed u jirrealizza li kien ghamel hazin li pparkja hemmhekk, anke jekk ghal ftit hin. Wiehed jista jifhem li l-imputat ma hasshiex sewwa li ghal ftit minuti huwa kellu jigi mmultat – jew li ghal ftit minuti ta' parkegg kien

mehtieg li jiehu l-karozza fil-car park taht it-triq b'mod li kien ikollu jhallas il-parking. Biss ried jirrealizza, u jrid jirrealizza, li ladarba fejn kien ipparkjat kien u huwa projbit ghall-parkegg, ma kellux jistenna xort'ohra ghajr hlief li jkun ghaddej il-warden u jtih citazzjoni.

L-imputat pero jghid li ma rax li hemmhekk kien projbit ghall-parkegg. Bid-dovut rispett, kull min jghaddi minn dik it-triq (kif ghamlet din il-Qorti apposta biex tara l-istess triq aktar mill-vicin) jista jara diversi sinjali li juru bic-car li ma jistax isir parkegg hemmhekk u sahansitra li min jipparkja hemmhekk jirriskja li jkollu l-karozza tieghu irmunkata. Ftit aktar attenzjoni ghas-senjaletika, ma kienetx taghmel hazin, l-anqas. U din id-disattenzjoni waslitu biex kellu jhallas ic-citazzjoni ta' Euro 23.29. Kieku accettahom u hallashom bil-kwiet, ma kienx jinqala dan l-incident. Inoltre kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat itennu li ma kienux jafu lil xulxin qabel dan l-incident.

Il-Qorti temmen li l-imputat mar ikellem lil G630 biex jiehu r-ragun. Biss din il-Gwardjana ma wetqitx dak li ried minnha l-imputat u cioe li tmur u tnehhi t-ticket minn mal-windscreen tal-van tieghu. Il-Qorti temmen ukoll li t-temperament tal-imputat dak il-hin ma kienx bil-kelma t-tajba kif jixhed hu. Il-Qorti temmen li dak il-hin huwa kien irrabjat ghal dik il-warden. U din il-Qorti temmen ukoll li f'dak il-mument ta' rabja, huwa fil-fatt gholla jdejh lejn il-warden b'mod li laqatha f'wiccha – ghalkemm din il-Qorti ma temminx li huwa ta' xi daqqa ta' ponn bi "staight" fis-sens ordinarju ta' din il-kelma.

Din il-Qorti tqis pruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li fil-fatt l-imputat verament xejjer idejh lejn wicc il-Gwardjana G630 Maria Mifsud u li wkoll hadha jew laqatha f'wiccha; izda tqis li huwa ghamel dan mhux intortament jew b'negligenza, izda ghaliex huwa ried li jolqotha b'idu. Huwa ma kellux ghaliex biex ikellem lil Gwardjana G630 Maria Mifsud jgholli jdejh jew ixejjer idejh lejn wiccha. Meta ghamel dan, jirrizulta li ghamel dan biex jolqot lill-istess Mifsud. F'dan is-sens il-Qorti tqis li f'dan il-kaz hemm l-estremi tal-azzjoni pozittiva volontarja da parti tal-imputat li waslet biex tikkawza offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Mifsud.

Biss ma temminx li din il-Gwardjana inghatat "straight" f'wiccha. Din il-konkluzjoni qed issir in bazi ghall-provi kollha **<u>l-ohra</u>** li ingiebu quddiem din il-Qorti apparti d-deposizzjoni tal-imputat u tal-parte civile. Fil-fatt din il-Qorti qieset ukoll dak li rraporta s-Surgent 647 Ivan Chetcuti fejn fil-PIRS konfermat minnu bil-gurament huwa tenna li kien nizzel fl-istess rapport dak li Maria Mifsud kienet qaltlu kelma b'kelma fis wara l-incident. F'dan il-PIRS, Maria Mifsud jinghad li stqarret hekk:-

> F'dan il-mument inzilt minn fuq il-Quadbike sabiex inkun nista nitkellem mieghu, peress li beda jtajjar il-bziq ma wicci fejn f'daqqa beda jghidli li ser jaqbad jattini u beda gholi aktar lehnu u jitkellem hazin, u beda ghidli li ser jfqali mniehri u beda beda jxejjer idu ,u laqatni fuq wicci.

Din il-verzjoni inghatat ftit minuti wara l-incident u fiha ma ssir ebda riferenza ghal "straight" moghti f'wicc Maria Mifsud. Hi ttenni li l-imputat fil-fatt xejjer idejh lejha u laqatha fuq wiccha. L-imputat jinnega u ressaq xiehda li Maria Mifsud kienet liebsa l-"full face helmet" u ghalhekk jargumenta li ma jistax ikun li huwa taha daqqa u kkawzalha dawk il-griehi ladarba kellha l-"full face helmet". Biss Maria Mifsud tichad li kienet liebsa helmet "full face". Hija anzi tghid li kienet liebsa "crash helmet" bil-"visor" imtella' biex tkun tista titkellem fuq ir-radio. Mill-banda l-ohra ma ngiebet ebda prova tal-allegat "crash helmet" u tad-disinn tieghu. Del resto mhux kull "full face crash helmet" jghatti l-wicc kollu u cioe kemm quddiem kif ukoll il-genb tal-wicc simultanjament. Din il-prova hija fil-fatt mankanti mill-process.

Inoltre, n-natura tal-griehi sofferti minn Mifsud kienu klassifikati bhala hfief salv kumplikazzjoni mill-istess tabib li xehed f'dawn il-proceduri Dr. Marcel Schembri. Fil-fehma tal-Qorti dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li fil-fatt Maria Mifsud qalghet daqqa fuq imnehirha minghand l-imputat li pero ma kienetx daqqa ta' ponn "straight" - u dan ghaliex almenu fuq bazi ta' probabbilita kieku kien hekk in-natura tal-griehi fuq din il-warden, kienu jkunu aktar gravi minn dawk pruvati mix-xiehda u c-certifikat a fol 25 konfermat mit-tabib Marcel Schembri a fol 57.

Il-griehi kienu koncentrati fuq imnieher Maria Mifsud fejn din kienet qed tilmenta minn ugiegh. Dan it-tabib ma rax feriti fuq imnihirha u kkonferma li din kellha xokk kbir u kellha sensazzjoni ta' wgiegh biss. Maria Mifsud essenzjalment tghid l-istess. Din tkompli tghid li kienet irrapurtat ghax-xoghol ukoll. minn dak mistqarr matul ix-xiehda li inghatat u kif imsahhah bic-certifikat ezibit, din il-Qorti tqis li dan hu kaz t'offiza hafifa. Inoltre kemm il-parte civile kif ukoll l-imputat itennu li ma kienux jafu lil xulxin qabel dan l-incident u ghalhekk ma kienx hemm xi incident precedenti li setgha kellu xi influwenza fuq kif sehhew il-fatti f'dan il-kaz jew kif jigu rapurtati lill-Awtoritatjiet.

Ghalkemm trattasi ta' offiza ta' natura hafifa, l-argument tal-imputat li dan ir-reat huwa persegwibbli biss bil-kwerela tal-parti u din il-kwerela ma gietx prezentata u ghalhekk inprosegwibbli, qieghed jigi skartat ghaliex din il-Qorti apparti li kellha l-PIRS bhala prova

tan-*notitia criminis* rivolta lill-Pulizija minn Maria Mifsud a tempo vergine, semghet ukoll lil Maria Mifsud tixhed car u tond dwar dak li gralha u xehdet car il-fatti tal-kaz.

Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li f'dan il-kaz, gie pruvat li Maria Mifsud hija Gwardjana Lokali u li fil-hin tal-incident kienet qeghda sservi ta' tali. Ghalhekk f'dan il-kaz din l-offiza ta' natura hafifa hija kwalifikata b'dak misjub fl-Artikolu 222(1)(d) tal-Kodici Kriminali in kwantu l-offiza ta' natura hafifa giet kommessa fuq persuna li kienet qeghda taqdi d-dmirijiet taghha ta' gwardjan privat u b'hekk f'kaz ta sejbien ta' htija l-piena eventwali tkun trid tigi mizjuda bi grad. Din il-Qorti tqis li l-vjolenza fuq ufficjali pubblici ma hija qatt accettabbli jew tollerabbli. Anzi f'diversi okkazjonijiet, anke fil-kaz fejn il-vitma ma tkunx ufficjal pubbliku, diversi drabi anzi dawn il-Qrati tennew li bhala regola, kazijiet ta' vjolenza fuq il-persuna ghandhom ikunu puniti b'piena karcerarja effettiva.[1] Naturalment dejjem hadu wkoll kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Mill-banda l-ohra, kwantu ghar-reat aktar gravi imsemmi fit-tieni imputazzjoni ossija dak taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li l-imputat ghandu sostanzjalment ragun. Jirrizulta li meta sehh dan l-incident, il-Gwardjana Lokali Maria Mifsud kienet diga hadet id-decizjoni li tikkontravvenzjona lill-imputat u b'turija ta' dan wahlet it-ticket fuq il-windscreen tal-van tal-imputat. Il-Qorti tqis li fil-mument tal-ezekuzzjoni tad-doveri taghha hawn fuq imsemmija, G630 kienet qeghda tezercita setgha fil-vesti taghha ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, hija giet attakkata bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, <u>**izda**</u> dan ma sehhx <u>**fil-waqt**</u> li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti. Dan peress li gie pruvat soddisfacentement li hija giet attakkata <u>**wara**</u> li hija kienet wetqet dak li kienet tenuta taghmel skont il-Ligi. Mix-xiehda ta' G630 stess jirrizulta li hija kienet diga wahlet it-ticket mal-windscreen tal-van tal-imputat, telqet u rikbet il-quadbike u bdiet issuqu meta giet imwaqfa mill-imputat u nqala l-incident bejniethom.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi <u>**u**</u> l-attakk jew rezistenza hija sorretta kemm mill-gurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per ezempju, minbarra dawk il-kazijiet imsemmija mill-abbli Avukat Difensur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, din il-Qorti

[1] "Mill-banda l-ohra, kif din il-Qorti (kemm kif presjeduta kif ukoll diversament presjeduta) ripetutament ittenni, reati ta' vjolenzaghandhom, bhala regola, jigu puniti b'piena karcerarja b'effett immedjat" – Il-Pulizija vs Mario Enriquez – Qorti tal-Appell Kriminali, 12 t'Awissu 2010, per VDG.

tikkwota wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz "**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**" deciz mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn kien inghad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb **u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi** jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95. (enfazi mizjuda).

Fil-kaz prezenti l-Pulizija ghazlet li tipprocedi kontra Anthony sive Antoine Mifsud in bazi ghall-Artikolu 96 u mhux dak kontemplat fl-Artikolu 95.

Inoltre, fil-kaz "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**", deciz nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill- Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tinghata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tieghu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti giet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-ezekuzzjoni tal-

ligi hija mehtiega. Hekk per ezempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodici Penali ta' diversi Stati Taljani, inkluz dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi ghar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali Malti jidher modallat), jaghti s-segwenti ezempju : -

> 8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg."* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirrizulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "ribellione" u dan fuq it-taghlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pozittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi" u cioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem ghalhekk antagonizmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-ezercizzju tieghu.

Ghal din ir-raguni il-Qorti jidrilha li l-agir tal-imputat kien dan li semmai **jikkontesta** l-fatt li l-gwardjana lokali ikkontravvenzjonatu aktar milli ried li jattakkaha jew jirrezistiha fil-mument li hija kienet sejra tikkontravvenzjonah. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa' d-difiza sollevata mill-imputat fir-rigward tat-tieni imputazjoni.

**Decide : -**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 31, 96, 214, 221(1) u 222(1)(d) tal-Kodici Kriminali qeghda ssib lill-imputat, Anthony sive Antoine Mifsud :

(a) mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull htija u piena;
(b) filwaqt li ssibu hati tal-ewwel imputazzjoni b'dan li filwaqt li ssib li l-offiza ta' natura hafifa giet kommessa fuq il-persuna ta' Gwardjan Lokali, izda tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-karattru tal-hati kif ukoll tan-natura tal-offiza kagunata minnu tikkundanna lil imputat ghal piena ta' sebat ijiem prigunerija izda li wara li rat l-

> Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali tordna li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk fi zmien sena millum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti qieghda wkoll taghti spjegazzjoni tal-import ta' din is-sentenza u qed tispjega lil hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kodici Kriminali, peress li jidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Mifsud G630 u sabiex jinzamm il-bon ordni pubblku, flimkien mal-piena, il-Qorti qeghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu ghal perjodu ta' tnax il-xahar taht penali ta' elf euro (E1000).

Ghal kull buon fini l-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa ma jottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordni hawn fuq imsemmija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------